Minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita t-Tlieta 30 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

**1. TALBA**
Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

**2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa preċedenti kien għadhom mhux lesti minħabba li kien indispost.

**3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI**

**3.1 Memos**
3.1.1 Memo 140/2010 – Mistoqsija Parlamentari 21042
3.1.2 Memo 141/2010 – Mistoqsija Parlamentari 21041
3.1.3 Memo 142/2010 – Mistoqsija Parlamentari 21046
3.1.4 Memo 143/2010 – Mistoqsija Parlamentari 21528
3.1.5 Memo 144/2010 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund
3.1.6 Memo 145/2010 – Rapport tal-Awditur Generali dwar il-Kunsilli Lokali

**3.2 Korrispondenza Prinċipali**
3.2.1 Is-Sur David Soler ikkonferma li minn nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru 2010 bejn it-8am u 8.30am ser ikun hemm gwardjan lokali jew fi Triq il-Għajn fil-kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Gesu' jew fi Triq il-Għajn fil-kantuniera ma' Triq il-Kappillan Hili sabiex jmexxi t-*traffic.*


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.2.2 The Gozo Youth Wind Band & Orchestra Wind tawna l-istima għas-servizz tal-mużika fl-okkażżjoni ta' Jum il-Fontana. Din hi ta' €400. Il-membri tal-Kunsill qablu li din tiġi aċċettata.

3.2.3 Is-Sezzjoni tal-UIF tal-Mepa stiednet lis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv sabiex nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru 2010 jiffirmaw il-kuntratt għall-applikazzjoni li għamel il-Kunsill sabiex jinbidlu l-fanali fi Triq l-Isptar San Giljan u jsiru *energy saving* u *environmental friendly*.

3.2.4 Tħabbret il-mewt ta' Mons Isqof Emeritus Mons Nikol G Cauchi li bejn 1956 u 1962 kien ir-raba Kappillan tal-Fontana. Ir-Reġjun t'Għawdex talab lil Kunsilli Għawdxin sabiex bl-eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Għarb ma jagħmlux kuruna tal-fjuri għall-funeral tal-Isqof Nikol Cauchi. Ir-Reġjun Għawdex ser jagħmel kuruna waħda f'isem ir-Reġjun. Il-bnadar tal-bini pubbliċi tal-Kunsilli Lokali għandhom jittajru mezzasta bħala rispett għall-Isqof Nikol Cauchi. Is-Sindku u l-Viċi Sindku attendew għall-funeral li sar fil-Katidral nhar l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2010.

3.2.5 Gejna nfurmati li kull meta jkun qed isir xi progett fil-lokalita mill-ħaddiema tal-IPSL, il-Kunsilli jridu jibghatu maghhom dawk il-hadiema tal-ex WSC li jkunu assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku ppropona u sar qbil illi nitolbu biex il-ħaddiema tal-IPSL iqaxxru l-waterpaint minn mal-ħitan tal-Pompa tad-Drenaġġ u din titranġa fuq stil ta' *farmhouse* u jirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ fejn qed isir il-proġett bil-ġebla tal-qawwi li minn Tarf Triq Għajn Tuta jwassal sa Wied il-Lunzjata.

3.2.6 L-Awtorita tal-Mediċini talbitna jekk hux possibli li jitqassam fuljett informattiv fir-residenzi tal-lokalita'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.2.7 Joe Attard, tal-GreenMT ikkonferma li fl-okkażżjoni ta' Jum il-Fontana ser iwaqqaf *stand* fis-Sala tal-Komunita fejn ser jitqassmu xi *leaflets* rigward is-separazzjoni tal-iskart.

3.2.8 *Email* mir-Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie mitlub biex jorganizza attivita sportiva għal matul is-sena 2011 b'risq l-*Arka Respite Centre.*

3.2.9 L-Avukat Angele Formosa nfurmatna li l-ispejjeż tal-kawża Pauline Cassar vs Kunsill Lokali Fontana għadhom mhux lesti. Hi kkonfermat li s-sentenza ġiet diferita għas-16 ta' Novembru 2010.

3.2.10 Il-Kunsill Lokali rċieva €588.50 bħala rikumpens taħt Memo 52/2009 - Attivitajiet Sportivi 2010 li saru fix-Xlendi.

3.2.11 Cirkulari AKL 52/95 - Il-Kunsillieri li għandhom il-Karta tal-Identita' maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali skaduta għandhom jimlew formula u jibgħatu żewġ ritratti sabiex din tiġġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jitlob lil-AKL x'inhuma l-benefiċċji tal-karta tal-identita.

3.2.12 L-AKL infurmatna li l-ħlas tal-*Performance Rights Society* għas-sena 2009 u 2010 hu ta' €36. Il-Kunsill qabel li jitħalsu.

3.2.13 Cirkulari AKL 81/2010 - Ġejna nfurmati li n-*notices* dwar informazzjoni fuq żvilupp iridu jeħlu ma' *notice board* fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex. Ghalhekk il-Kunsill ġie mitlub jidentifika l-aħjar post fejn il-MEPA jistgħu jwaħħlu din in-*notice board* fil-lokalita. Wara diskussjoni ġie maqbul li din titwaħħal f'tarf Triq ta' Mulejja qrib Triq il-Għajn.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.2.14 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-applikazzjoni taħt Memo 118/2010 - Inizjattivi Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 Sena Ħidma tal-Vodafone, mhix waħda minn dawk magħżula biex tingħata l-għajnuna finanzjara permezz ta' din l-inizjattiva.

## 4. JUM IL-FONTANA

Is-Sindku qal li l-preparamenti għal Jum il-Fontana huma lesti u tqassam il-programm f'kull residenza. Minbarra l-wirja tal-artiġjanat u s-serata soċjo-kulturali li jsiru fis-Sala tal-Komunita, ser issir ukoll il-quddiesa b'sufraġju tal-vittmi tal-kamra tan-nar u t-tqiegħed ta' kuruna mal-Monument tas-Sajjieda. Is-Sindku ppropona li jsiru tlett ħarġiet fil-ġranet ta' wara dan l-avveniment. Waħda f'Bethlehem f'Għajsielem għat-tfal u għar-residenti, oħra f'Malta, u oħra f'Għawdex. Il-membri tal-Kunsill qablu.

## 5. GĦOTI TA' OFFERTI

- *FONT 05/2010: Road Resurfacing Works in Connection with the Public Private Partnership* Scheme – Il-Perit Saliba imqabbad mill-Kunsill ġibed l-attenzjoni li waħda mill-offerti kella xi nuqqasijiet. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jitlob parir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif għandu jipproċedi.
- *FONT 04/2010: Patching with Hot Asphalt in various Streets in Fontana* – Il-Perit Saliba imqabbad mill-Kunsill ipprepara rapport fejn hu rrakkomanda l-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd. Hu qal li ma kienx ċert jekk il-prezz tal-offerta jinkludiex il-VAT. Għalhekk sar qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat email lil Perit fejn jitolbu sabiex jiċċekja.
- *FONT 06/2010: Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre* – Sar qbil li ngħaddu kopja tad-dokumenti tal-offerta lil Perit Attard Montalto sabiex tipprepara rapport.
- *FONT 07/2010: Collection of mixed household waste in Fontana, Gozo* – Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja jekk id-dokumenti tal-offerti tal-kuntratturi humiex validi.

## 6. PROĠETTI MARBUTA MA EKO-GĦAWDEX

Is-Sindku attenda għal-laqgħa li l-Ministru għal Għawdex l-Onor Giovanna Debono għamlet mall-Kunsilli Lokali Għawdxin fejn tnediet skema ta' finanzjament ta proġetti fil-lokalitajiet marbuta mal-viżjoni ta' eko-Għawdex. Is-Sindku spjega li l-Kunsilli Għawdxin ġew offerti sa massimu ta' €70,000 lil kull Kunsill bħala fondi sabiex jagħmlu proġetti relatati ma eko-Għawdex. Ġie maqbul illi l-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni tiegħu taħt din l-iskema. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-23 ta' Diċembru 2010.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

## 7. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Sar qbil li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru 2010 fid-9.00am fis-Sala tal-Komunita.

## 8. MISTOQSIJIET

8.1 Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa lis-Sindku jekk it-tappiera li hemm fil-bidu ta' Triq il-Kappillan Hili hiex tad-drenaġġ u saqsa jekk hux possibli li jitranġa madwara peress li t-tarmac niżel u qiegħda tħabbat. Is-Sindku qallu li trid tinfetaħ sabiex inkunu nafu eżatt peress li meta s-sezzjoni tal-WSC responsabli mid-drenaġġ għamlu t-tappiera l-oħra huma nfurmawh li ma għamluhiex peress li mhix tagħhom. Hu qal li meta jkun ser isir il-*patching* f'din iż-żona jgħid lil kuntrattur biex jiftaħha u jagħtiha t-tarmac.

## 9. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 10. MATERJI OĦRA

10.1 Is-Sindku ppropona li:

- 10.1.1 nordnaw arbli tal-*stainless steel* għas-Sala tal-Komunita sabiex inkunu nistgħu nwaħħlu l-bnadar magħhom. Il-membri tal-Kunsill qablu.
- 10.1.2 din is-sena jerġa jsir it-tiżjin tal-Milied f'parti minn Triq il-Għajn u fi Triq Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Merchant bħas-sena l-oħra. Dawn ser isiru minn George Schembri, fi'isem il-parroċċa u Michael Bugeja. Dan għal ħlas ta' €466 kull wieħed bil-Kunsill ikun responsabli mill-*meters* tad-dawl. Il-membri tal-Kunsill qablu.
- 10.1.3 l-fontana li hemm fil-playing field tiġi mdawwra b'materjal għal tal-apposta sabiex ma tkunx ta' periklu. Il-membri tal-Kunsill qablu.
- 10.1.4 nitolbu lill-ETC sabiex jagħtuna żewġ ħaddiema oħra taħt l-iskema tal-Komunita peress li wieħed mill-ħaddiema qiegħed fuq *sick leave* twil. Il-membri tal-Kunsill qablu.
- 10.1.5 Is-Sindku ppropona li jsiru żewġ qsari oħra tal-ġebel fi Trejqet Bieb il-Għajn. Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati għand is-Sur Joseph Muscat.

10.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

- 10.2.1 fl-uffiċċju tal-Kunsill tpoġġa apparat sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' radjazzjoni fl-arja mid-Dipartiment tas-Saħħa.
- 10.2.2 id-Dipartiment tal-Artijiet ser jieħu ħseib li jinqala l-*meter* tal-ilma u dawl ta' fond 191 fi Triq il-Għajn.
- 10.2.3 Irċivejna l-istima ta' Pupull Attard għall-grada tat-tieqa tal-uffiċċju tal-Kunsill. L-istima hi ta' €350 jekk tkun galvanizzata u €320 jekk ma tkunx. Is-Segretarju


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Eżekuttiv għandu jikkuntatja lil Pupull Attard sabiex jara jekk jistax jagħtina prezz aħjar.

10.2.4 Peress li rċivejna struzzjonijiet mill-MEPA sabiex jinqala l-arloġġ fi Pjazza l-Għejjun, dan kellu jinqala.

10.2.5 waqt il-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali ġiet diskussa l-offerta tad-Devoluzzjoni tal-Gwardjani Lokali, kif ukoll l-offerta għall-kera tal-uffiċċju reġjonali. Is-Sindku qal li hu ppjanat li f'Għawdex ikun hawn żewġ mobile *speed cameras*.

10.2.6 fi Pjazza l-Għejjun trid issir kaxxa sabiex ikun jista' jitwaħħal l-*smart meter.*

10.2.7 Saret ħarġa soċjo-kulturali għat-tfal f'Malta organizza mil-kunsill. Żorna diversi nħawi tal-kampanja fosthom Popeyes Village, Għajn Tuffieħa, il-bajja tal-Ġnejna kif ukoll ic-"Chadwick Lakes" fejn kellna mixja mil-Mtarfa sa tarf Wied il-Qlejgħa Mosta. Wara żorna l-Kumpless Mediterraneo f'Baħar iċ-Ċagħak, fejn ingħataw wirjiet min "parrots" "seals" u "dolphins". Il-ħarġa ntemmet fl-Adventure Park f'Ta Qali fejn it-tfal qagħdu jilgħabu flimkien ma ħafna tfal oħra. Attendew 26 tfal u kbar, fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.

10.2.8 Is-Sindku attenda seduta oħra tal-qorti quddiem il-Maġistrat Paul Coppini fil-kawża ta' żgumbrament tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Għal darb'oħra s-seduta ġiet differita għad 9 ta' Frar 2011. Dan għar-raġuni li l-Avukat tas-sur Anthony Cassar għadu ma lestiex il-provi.

10.2.9 Għat-tielet sena konsekuttiva nagħta s-servizz mill-Kunsill tat-tilqima kontra l-influwenza. Ħadu sehem 37 persuna. Din ħa ħsieba l-Kunsillier Victor Cefai.

10.2.10 Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret għas-Sindki fis-Sala tal-lukanda "Excelsior" fil-Furjana fl-okkażżjoni tal-ħatra mil-ġdid tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, responsabbli mill-Kunsilli Lokali. L-Onor Said indirizza din il-laqgħa u wiegħed li ser ikompli bil-ħidma tiegħu.

10.2.11 Beda x-xogħol fuq Trejqa li minn tarf Triq Għajn Tuta twassal sa Wied il-Lunzjata. Dan qed isir bil-ġebla tal-qawwi b'mod rustiku minflok il-wiċċ tal-konkos li hemm. Dan ix-xogħol qed isir mill-fondi tal-iskema "Proġetti Speċjali" mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Għal dan il-għan il-Kunsill ingħata €6,000 u ser jingħata €6,000 meta jitlesta x-xogħol.

10.2.12 Twaħħlu 13-il fanal dekorattivi fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Din is-sistema ġdida tad-dawl hija *energy saving* u *environmental friendly*. Is-Sindku qal li jridu jinxtraw 11-il *isolator* għalihom peress li għandna 2. Huwa qal li ntalbu diversi kuntratturi f'Malta u qalu li bħalisssa m'għandhomx. Huwa qal li s-Sur Richard Cauchi qal li għandu bil-€25 il-wieħed. Il-Kunsill qabel li ser jipprova jsib b'orħos.

10.2.13 Is-Sindku attenda għar-raba laqgħa tal-Kumitat Reġjonali t'Għawdex li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Dakinhar saret ukoll il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali.

10.2.14 Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-inawgurazzjoni tal-Wirja tal-Artiġjanat maħdum fil-Fontana li qed


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

tittella fis-Sala tal-Komunita fl-okkażżjoni ta' Jum il-Fontana. Din il-wirja ġiet mbierka mill-Kappillan Fr. Joseph Bajada.

10.2.15 Ġie iffirmat il-kuntratt mal-MEPA, mis-Sindku fl-uffiċċju tal-MEPA fil-Floriana. Dan il-kuntratt sar biex il-Kunsill juża l-fondi li għanda l-MEPA għad-dispożizzjoni tal-Kunsill Lokali fil-fond tat-titjib urban. B'dawn il-fondi l-Kunsill ser iħallas l-parti l-kbira tas-sistema ġdida tad-dawl fi Triq l-Isptar San Ġiljan permezz ta' 13 il-fanal dekorattiv.

10.2.16 Ġew miftuħa l-offerti għall-bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll għall-ġbir tal-iskart.

10.2.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mad-devoluzzjoni ta' fond 191 fi Triq il-Għajn saret ukoll id-devoluzzjoni tal-area mmarkata fuq il-pjanta bħala 'C' li tiġi bejn is-Sala tal-Komunita u fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn.

10.2.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nxtraw u nbiddlu tlett globi oħra li kien hemm maqsuma fis-sistema tad-dawl ħdejn ir-*railing* l-isfel mill-Knisja.

10.2.19 Inxtara wkoll *bin* tas-sigaretti biex jitqiegħed ħdejn is-Sala tal-Komunita fuq barra meta tittella xi attivita'.

10.3 Il-membri tal-Kunsill qablu ma l-istima ta' €444.62 li tawna Aperturi Ltd sabiex isir xkaffar fl-uffiċċju tal-Kunsill u grada fil-*public convenience*.

10.4 Il-Viċi Sindku qal li kien kelmu s-Sur Charlie Zammit mit-Taqsima tal-Kultura fi Ħdan il-Ministeru għal Għawdex u nformah li nhar it-Tlieta 7 ta' Diċembru rappreżentanti tal-*Comune di Zafferana Etnea* ser ikun Għawdex u xtaqu jiltaqgħu mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jikkuntatja lil Charlie Zammit sabiex jagħtih aktar informazzjoni. Il-membri tal-Kunsill qablu li niltaqgħu mar-rappreżentanti tal-*Comune di Zafferana Etnea.*

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Laqgħa oħra issir nhar il-Ħamis 30 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'

____________________
Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

____________________
Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt